# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 484**

**It-Tnejn 6 ta' Novembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**484.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

483.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**484.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

484.2.1 Il-minuti tal-483 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

484.2.2 Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.10 ta' filgħaxija.

**484.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

484.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti *item* 484.5 Aġġudikazzjoni tal-Offerti qabel jiġu diskussi *items* 484.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u *item* 484.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**484.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**484.5 Aġġudikazzjoni tal-offerti**

Offerti tal-Manutenzjoni u *Resurfacing* ta' Toroq (ZLC 002/2017)

484.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda offerta għal dan ix-xogħol. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa tal-offerti għall-manutenzjoni u *resurfacing* ta' toroq.

Offerti għal Xiri ta' Konkos, Kaptelli u Kurduni (ZLC 004/2017)

484.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda offerta għal dan ix-xogħol. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti għax-xiri ta' konkos, kaptelli u kurduni.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

484.5.3 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mis-Sur Mario Stivala dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Kunvent, fejn talab kumpens ta' €110 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

484.5.4 Is-Sindku ressaq ittra mibgħuta mill-kumpanija *HSBC* fejn talbu riżoluzzjoni tal-Kunsill li tikkonferma li l-Kunsill huwa konxju tad-drittijiet li l-amminstraturi

tas-sistema għandhom biex jamministraw s-servizzi tal-*HSBC* f'isem il-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat jinforma lil *HSBC* li s-Sinjorina Testaferrata de Noto għandha aċċess għas-sistema tal-*HSBC* bħala *view only.*

484.5.5 Inqrat ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali – Inizjattiva – Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ser jagħti l-ammont ta' €1,000 f'għajnuna għal xiri ta' tagħmir sabiex jintuża għall-korsijiet tal-*lifelong learning.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara *laptop* b'dawn il-fondi.

484.5.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ġie magħżul mill-Ministru l-Onorevoli José Herrera għall-Proġett *Urban Greening Project 2018* u qal ukol illi l-Kunsill kien ser jingħata s-somma ta' €30,000 biex jinxtraw siġar u arbuxelli fil-lokalità. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jibgħatu *email* u jindikaw siti proposti sabiex jinżergħu siġar jew arbuxelli.

484.5.7 Il-Viċi-Sindku daħal għal-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.

484.5.8 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġi rranġat il-*front office* tal-Kunsill minħabba sigurtà tal-impjegati. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ordnat bank bil-ħġieġ għall-*front office* tal-Kunsill.

484.5.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kunċert tal-festa mtella' mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kien sar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u l-ispiża għal dan il-kunċert kienet tammonta għal madwar €1,000.

484.5.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Robert Buhagiar kien ser ikun qed jorganizza l-*aerobics* kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis fis-sala tal-kappillan bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku staqsa x'kien ser ikun l-involviment tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien ser jintuża l-*equipment* tal-Kunsill matul dawn l-*aerobics*.

484.5.11 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu ġiet diskussa l-possibiltà li jiġu nstallati diversi *CCTV cameras* f'Ħaż-Żabbar fosthom fil-*Housing Estate* ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal ukoll illi kien qed jistenna stima sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet.

484.5.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi riċentament kienet saret *CCTV camera* mal-*bring in sites* ta' Triq Sant Antnin.

484.5.13 Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' restawr mal-Mina ta' Hompesch.

484.5.14 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jagħmel *neutering* ta' *stray cats* f'Ħaż-Żabbar sabiex jonqos l-ammont ta' qtates li hemm fit-toroq residenzjali. Is-Sindku

qal ukoll illi n-*neutering* kien qed isir bil-*vouchers* li nħarġu mill-Gvern Ċentrali kif ukoll permezz ta' *vouchers* mogħtija mill-għaqda *PAWS*. Is-Sindku żied jgħid illi l-Kunsill kien ser jipprovdi t-trasport sabiex jittieħdu l-qtates għand il-veterinarju u jinġiebu lura.

484.5.15 Is-Sur Julian Paul Scicluna daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

484.5.16 Is-Sindku talab sabiex fil-laqgħa li jmiss jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr.

484.5.17 Is-Sindku tkellem dwar diversi lmenti li l-Kunsill kien irċieva mir-residenti dwar is-Sur Ronald Bezzina, il-kuntrattur responsabbli mill-knis u l-qtugħ ta' ħaxix (ZLC 4/2014). Is-Sindku qal illi t-tindif ta' toroq ma kienx qed isir b'mod regolari u li f'uħud mit-toroq il-knis u l-qtugħ ta' ħaxix kien qed isir biss wara li l-Kunsill ikun ressaq l-ilment tar-residenti lill-kuntrattur. Is-Sindku qal ukoll illi s-servizz ma kienx qiegħed ikun dak mixtieq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti *default notice* lis-Sur Ronald Bezzina fuq bażi ta' dawn in-nuqqasijiet.

484.5.18 Il-Viċi-Sindku qal illi kien qed jirċievi diversi lmenti mir-residenti dwar il-kuntrattur responsabbli għall-ġbir ta' skart separat bieb bieb. Il-Viċi-Sindku qal illi il-ġbir ta' skart separat ma kienx qed isir mit-toroq kollha ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kienu saru diversi laqgħat mal-kumpanija *Greenpak*, il-kuntrattur responsabbli għall-ġbir ta' skart separat, dwar dan in-nuqqas. Is-Sindku qal ukoll illi kien infurmat illi f'Ħaż-Żabbar il-ġbir ta' skart separat kien qed isir bi trakk wieħed u wara l-inċident li sar fil-*Wasteserv* ta' Sant Antnin il-kuntrattur kien qed ikollu jitla' jarmi l-Magħtab. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti *default notice* lill-kumpanija *Greenpak,* il-kumpanija responsabbli mill-ġbir ta' skart bieb bieb, għar-reċipjenti għal skart separat (*Recycling Banks 1100 ltrs*) u *Bring In Sites* dwar dan in-nuqqas.

484.5.19 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mal-kumpanija *Y Limited* fejn ġiet diskussa l-possibiltà li tittella' kampanja edukattiva favur l-ambjent. Is-Sindku qal illi ġew diskussi diversi proposti fosthom li jiġu stampati *leaflets,* jittellgħu *videos* fuq is-siti soċjali u li jinħoloq *helpline* fejn in-nies ikunu jistgħu jirrappurtaw skart goff u ħmieġ fit-toroq tal-lokalità. Is-Sindku qal ukoll illi kellu l-ħsieb li l-kampanja tiġi imnedija f'Jum Ħaż-Żabbar 2018. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser ikun qed iħallas sabiex jiġu stampati *leaflets* dwar l-immaniġġjar tal-iskart kif ukoll għall-istampar ta' kalendarji tas-sena 2018 flimkien mal-*Greenpak*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li flimkien mal-kumpanija *Y Limited* tiġi organizzata kampanja edukattiva favur l-ambjent kif ukoll jiġu stampati *leaflets* u kalendarji għas-sena 2018.

484.5.20 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-attività tal-Milied mal-kumpanija *Leon Promotions* issir f'Misraħ is-Sliem.

484.5.21 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li t-tiżjin ta' toroq tal-Milied isir fi Triq is-Santwarju, mill-monument ta' Agatha Barbara sal-Knisja ta' Ħaż-Żabbar, u fi Triq il-Kbira, minn Misraħ is-Sliem sa Triq il-Kunvent. Is-Sur Joseph Vella talab sabiex issir l-applikazzjoni għas-servizz tad-dawl temporanju għat-tiżjin tal-Milied bejn is-1 ta' Diċembru 2017 u l-7 ta' Jannar 2018.

484.5.22 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex jinqaleb il-post tal-parkeġġ minn parti ta' Triq il-Kbira preċiżament fil-viċinanzi ta' Triq l-Immakulata Kunċizzjoni biex ma tibqax issir ħsara fil-kaptelli li hemm fuq ix-xellug tat-triq u peress illi kienet qed tisfronda t-triq ukoll. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex jinqalbu uħud mill-parkeġġi li hemm fi Triq il-Kbira fil-viċinanzi ta' Triq l-Immakulata Kunċizzjoni.

484.5.23 Is-Sur John J Pace talab sabiex l-kaptelli tal-ġebel li hemm fi Triq il-Kbira jinbidlu u minflok isiru kaptelli tal-ħadid.

484.5.24 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill *site plan* ta' Triq Wied il-Għajn u l-madwar u ddiskuta dwar is-sistema ta' *traffic management.* Is-Sindku ppropona li parti minn Triq Wied il-Għajn, bejn Triq is-Santwarju u Triq il-Kunvent, issir *one way* minn naħa ta' Triq il-Kunvent sabiex jonqos it-traffiku fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku ppropona li jitwaħħlu *bollards* fit-tarf ta' Triq Wied il-Għajn ma' Triq il-Kunvent sabiex il-vetturi ma jaqsmux *wrong way* għal Triq Felice. Il-Viċi-Sindku talab sabiex jekk isir dan it-tibdil fis-sistema ta' traffiku titwaħħal tabella ta' *no right turn* fi Triq Felice kantuniera ma' Triq il-Kunvent.

484.5.25 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill *site plan* ta' Triq San Lawrenz, Triq il-Karmnu u l-madwar u ddiskuta dwar is-sistema ta' *traffic management.* Is-Sindku ppronona dawn it-tibdiliet fis-sistema ta' traffiku: Triq ix-Xgħajra tiġi *one way* minn naħa ta' Triq il-Krexxuni, Triq il-Karmnu issir *one way* minn naħa ta' Triq Strickland u minn naħa ta' Triq ix-Xgħajra, u Triq San Lawrenz issir *one way* minn naħa ta' Triq Strickland. Is-Sindku qal ukoll illi kien qed jitlob dan it-tibdil sabiex jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa minn mar-*roundabout* fejn hemm il-monument ta' Agatha Barbara.

484.5.26 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom dwar il-proposta ta' Triq Wied il-Għajn, Triq il-Karmnu, Triq San Lawrenz u l-madwar fil-ġranet li ġejjin.

484.5.27 Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet talbet sabiex jiġu *refreshed* is-sinjali ta' traffiku li hemm fi Triq ix-Xgħajra qabel ma' toħroġ għal Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Joseph Agius talab sabiex minflok issir *traffic island*.

**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

484.5.28 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi xi wħud mill-vetturi li jkunu pparkjati fl-ispazju miftuħ maġenb Triq in-Newl qed jibqgħu ħerġin bi *speed* eċċessiv u qed joħolqu periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-*pedestrians*.

484.5.29 Is-Sur Roderick Vella talab li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex jiżdiedu iktar *bollards* fi Triq Villabate peress illi l-vetturi kienu qed jaqsmu *wrong way*.

484.5.30 Is-Sur Julian Paul Vella talab sabiex Triq Ħadd in-Nies issir *one way*.

484.5.31 Is-Sur Joseph Vella talab lill-Kunsill jikteb formalment lid-Dipartiment tal-Artijiet u jitlob informazzjoni dwar l-art li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini peress illi kien hemm individwu li qed jikkappara din l-art. Is-Sur Joseph Vella qal ukoll illi wara li ġie żviluppat il-bini, il-vetturi kienu qed jipparkjaw f'nofs ta' triq. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ illi l-art hija pubblika, il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-art u jagħmel *parking area*.

484.5.32 Fis-7.15 ta' filgħaxija s-Sur Brian Spiteri talab li jkun skużat.

484.5.33 Is-Sur Julian Paul Vella rrefera għas-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta – Miżura 4.4. u staqsa jekk din l-applikazzjoni kinitx għalqet. Is-Sur Joseph Vella infurmah illi din l-applikazzjoni kienet għalqet imma kellha toħroġ applikazzjoni oħra fil-futur qarib. Is-Sur Julian Paul Vella ssuġġerixxa li jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjiegħ f'tal-Plier bil-Fondi Ewropej.

484.5.34 Fis-7.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

484.5.35 Is-Sur John J Pace qal illi kellu laqgħa flimkien mas-Sinjura Anna Calleja u ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika u ġie mfassal il-programm għall-attività bl-isem 'Għaqda fil-Familja' li ser issir s-Sibt 9 ta' Diċembru 2017 fuq iz-zuntier tal-Knisja wara l-quddiesa tas-6.15 ta' filgħaxija. Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi matul l-attività kien ser ikun hemm *talks*, kant kif ukoll parati u *drills* mill-*iscouts*. Is-Sur John J Pace qal illi wara li tispiċċa l-attività kien ser ikun hemm riċeviment żgħir fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li matul din il-laqgħa l-Kunsill ġie mitlub biex jagħmel kuntatt mal-banek tal-lokal sabiex fil-perjodu ta' bejn l-24 ta' Novembru 2017 u l-10 ta' Diċembru 2017 jintwera *video* li juri l-progress tan-nisa fis-soċjetà bl-isem '*burning bikinis*'. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività bl-isem 'Għaqda fil-

Familja' li ser issir s-Sibt 9 ta' Diċembru 2017 fuq iz-zuntier tal-Knisja wara l-quddiesa tas-6.15 ta' filgħaxija liema spiża għandha tkun ta' bejn l-€400 u l-€500. Is-Sur John J Pace qal illi jekk ma jkunx possibbli li l-attività tittella fuq iz-zuntier tal-Knisja, din l-attività ser issir taħt iz-zuntier.

484.5.36 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jixgħel il-funtana ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u l-bini tal-Kunsill matul il-perjodu ta' bejn l-24 ta' Novembru 2017 u l-10 ta' Diċembru 2017 bil-kulur oranġjo bħala parti mill-attività kontra l-vjolenza domestika.

484.5.37 Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

484.5.38 Is-Sur Joseph Vella qal illi kienet qed tingħata t-tilqima għal kontra l-influwenza fil-bini tal-Kunsill u qal ukoll illi għal din it-tilqima kienu rreġistraw madwar 980 persuna. Is-Sur Vella qal illi din is-sena ħadem b'inqas *nurses* u l-ispiża kienet ser tonqos bin-nofs. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li t-tilqima tingħata ukoll nhar is-Sibt 11 ta' Novembru 2017.

484.5.39 Is-Sur Joseph Agius reġa semma' il-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Villabate.

484.5.40 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li titnaddaf Triq il-Ħawt peress illi kienet għadha ma tnaddfitx.

484.5.41 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jitnaddaf il-*culvert* tal-ilma tax-xita fi Triq il-Ħawt.

*484.5.42* Is-Sur Joseph Buttigieg talab li l-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex issir *pedestrian crossing* fi Triq Bieb is-Sultan maġenb il-*ground* tas-*St Patrick's.*

484.5.43 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jiġi rranġat *culvert* tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira fejn il-ħanut *Tony's Photo Studio* peress illi kien qed ikun ta' nkonvenjent.

484.5.44 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kien qed iżomm l-ilma tax-xita fi Triq il-Kunvent fil-viċinazi ta' Triq iċ-Ċawsli.

484.5.45 Is-Sur Joseph Agius talab li ~~tiġi rranġata tappiera tħabbat~~ jiġu rranġati żewġ tappieri iħabbtu li hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-ħanut *Crazy Horse*. Emendat

484.5.46 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinbidel arblu tad-dawl li hemm fil-viċinanzi tar-residenza numru 81 fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi peress illi l-arblu kien mgħawweġ u msaddad.

484.5.47 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li fl-14 ta' Diċembru kienet ser issir ħarġa għall-anzjani.

484.5.48 Il-Viċi-Sindku talab biex il-Kunsill jitlob lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq biex tissemma triq ġdida għas-Sur Karmenu Bonavia.

484.5.49 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex tiġi msewwija l-id tal-bambin tal-istatwa li hemm fi Triq il-Kbira.

**484.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

484.6.1 Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu mit-3 t'Ottubru 2017 sas-6 ta' Novembru 2017 li kien jammonta għal €56,621.70.

484.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'Ottubru 2017 li kien jammonta għal €59.51.

**484.7 Mozzjonijiet**

484.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**484.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

484.8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-485 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku